14 ta' Lulju, 1948

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

*Il-Pulizija versus* **Edward Camilleri**

## Inkonvenjent — Appell — Art. 389 u 425 (1) (b) (vii) tal-Kodiċi Kriminali.

*Għalkemm il-liġi tgħid li l-Qorti "tista'" tagħti żmien lill-imputat biex ineħħi l-inkonvenjent li bih ikun qiegħed jikser il-liġi, dik il-kelma "tista'" — "may" — mhix dejjem permissiva, imma spiss għandha tiġi interpretata bħala li timponi obligu lill-Qorti li tadotta dak il-provvediment; u dan meta jikkonkorru ċirkustanzi li jistgħu jakkoppjaw dik il-fakoltà mad-dover li dik il-fakoltà tiġi eżerċitata; bħal meta jiġri li, jekk dik il-fakoltà ma tiġix eżerċitata, il-liġi tkun tista' tiġi faċilment eluża.*

*Meta l-Qorti ma teżerċitax dik il-fakoltà meta kien imissha teżerċitaha, l-imputat jiġi meħlus minn obligu li timponilu l-liġi; u dan huwa wieħed mill-motivi li għalihom il-Prosekuzzjoni tista' tappella minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.*

Il-Qorti — Rat l-akkuża tal-Pulizija kontra l-imsemmi Edward Camilleri talli f'dawn l-aħħar tnax-il xahar għamel xogħlijiet, billi (1) waqqaf bieb flok bieb magħluq bil-ġebel, (2) qala' bieb kbir ta' l-injam minn postu u waħħlu fl-entrata ta' passaġġ ġdid, (3) bajjad passaġġ, (4) ikkomunika l-elettriku f'dak il-passaġġ, u (5) waħħal burdura ta' l-injam ma' tul il-ħitan ta' l-entrata fil-post St. Lucia Street, Valletta, mingħajr permess bil-miktub mill-Board għall-Kontroll tal-Bini;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, li biha l-istess Edward Camilleri ġie misjub ħati skond l-akkuża u ġie kundannat £5 multa;

Rat ir-rikors li bih l-Attorney General appella kontra dik is-sentenza taħt il-provvediment ta' l-art. 425 (1) (b) (vii) tal-

" Kodiċi Kriminali, peress illi l-Ewwel Qorti helset lill-istess Camilleri mill-obligi msemmijin fl-art. 389 tal-Kodiċi Kriminali, li jikkontempla l-ordni tal-Qorti, minbarra l-piena, għattneħħija ta' l-inkonvenjent jew diżordni li bih ikun sar ir-reat, taħt penali ta' ammenda mhux iżjed minn £2 għal kull ġurnata li l-inkonvenjent jew id-diżordni jibqa' wara li jagħlaq iż-żmien li l-Qorti tkun tat sabiex jitneħħa;

Rat is-sentenza tagħha tal-14 ta' Ġunju 1948, li biha ġiet dikjarata inattendibili r-rinunzja għall-appell riżultanti mill-fol. 8 tal-proċess u validu l-irtir tad-dikjarazzjoni ta' dik ir-rinunzja;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi fl-art. 389 tal-Kodiċi Kriminali l-liġi tgħid li l-Qorti "tista'" tagħmel ordni fuq imsemmi. Minn dik il-kelma "tista'", li tuża l-liġi, jista' jqum dubju li kien fid-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti li tagħmel jew le dik l-Ordni; iżda, kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fid-9 ta' Ġunju 1947, fil-kawża "Il-Pulizija vs. Carmelo Saliba", il-kelma "tista'", korrispondenti għall-kelma "may" fit-test ingliż, ma hix dejjem sempliċement permissiva, imma ta' spiss għandha tiġi nterpretata bħala "placing a duty on those on whom the faculty or power is placed by a statute of exercising it". Ingħad fiċ-ċitata sentenza, fuq l-awtorità ta' Sir Alison Russell (Legislative Drafting and Forms, 1938) illi, għalkemm is-sinifikat naturali tal-kelma "may" hu "permissive and enabling", iżda jista' jkun hemm ċirkustanzi li jistgħu jakkoppjaw il-fakoltà ma' dover li dik il-fakoltà tiġi eżerċitata, u jimponu lil dik il-persuna li lilha ġiet fdata l-fakoltà l-obligu li teżerċita dak il-poter;

Illi f'dan il-każ tikkonkorri evidentement ċirkustanza li tikkrea l-obligazzjoni ta' l-eżerċizzju tal-fakoltà li jiġi prefiss terminu sabiex l-akkużat juniforma ruħu mal-liġi; u din iċ-ċirkustanza hija dik illi altrimenti l-liġi tista' tiġi wisq faċilment eluża;

Illi għalhekk, la darba s-sentenza ta' l-ewwel Qorti ma mponietx terminu għar-rimozzjoni tax-xogħlijiet fuq indikati, formanti l-oġġett tar-reat, jiġi li l-imputat ġie meħlus mill-obligi ta' l-art. 389, u s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija kwin-

di appellabili taħt id-dispożizzjoni tal-liġi ndikata fir-rikors ta' l-Attorney General. U la darba l-imputat ġie misjub ħati, u ma sar l ebda appell minn dik id-deċiżjoni, u la darba l-prefissjoni tat-terminu hi ħaġa obligatorja fiċ-ċirkustanzi tal-każ, l-appell għandu jiġi milqugħ;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-appell tal-Prosekuzzjoni, u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tipprefiġġi lill-imputat terminu ta' xahar mil-lum biex juniforma ruħu mal-liġi, taħt penali ta' 2s. 6d. għal kull ġurnata ta' dewmien;